# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023**

**Avviż numru: 5/2018 BS**

**Paul u Agnes konjuġi Portelli**

**-vs-**

**Carmel Mifsud**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-avviż** ta' Paul u Agnes konjuġi Portelli[1] fejn wara li ddikjaraw li:

Premess illi l-konvenut kien ġie inkarigat mill-atturi sabiex iwettaq xogħol ta' kostruzzjoni fuq proprjetà tal-atturi fin-Nadur, Ghawdex konsistenti minn farm tal-baqar;

U peress li l-konvenut ipproċeda permezz ta' kawża kontra l-attur Pawlu Portelli fejn talab il-ħlas tax-xogħol imwettaq minnu, Avviż Numru 4/2014 fl-ismijiet "Carmel Mifsud vs Paul Portelli" deċiża mill-Qorti tal-Appell, Inferjuri, bis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2017;[2]

[1] Avviz a fol 1 sa 3.
[2] Data erronja – is-sentenza tal-appell inghatat fit-23 ta' Gunju, 2017.

U peress li dik il-kawża hija bbażata fuq il-premessa li l-atturi odjerni ma kienu hallsu xejn mill-ammonti dovuti għax-xogħol li wettaq il-konvenut odjern;

U peress li l-atturi skoprew riċentement li kuntrarjament għal dak li ddikjara l-konvenut fil-kawża ppreżentata minnu, huma kienu ħallsu ammonti konsiderevoli akkont tax-xogħol imwettaq mill-attur;

U peress li effettivament l-atturi kienu ħallsu s-segwenti ammonti lill-konvenut odjern:

i. €5,000 imħallsa permezz ta' ċekk numru 232 gu [sic] il-kont numru 40017234504 fis-7 ta' April 2010;
ii. €500 imħallsa fis-26 ta' April 2012 permezz ta' ċekk numru 441;
iii. €500 imħallsa inkontanti fit-30 ta' Mejju 2012 u dwarhom inħarġet ricevuta manwali;
iv. €500 imħallsa permezz ta' ċekk numru 475 fit-12 ta' Settembru 2012 u dwarhom inħarget ricevuta manwali;
v. €500 imħallsa fit-8 ta' Frar 2013 permezz ta' ċekk numru 528;
vi. €500 imħallsa in kontanti u dwarhom inħarget ricevuta manwali mingħajr data;

għal total għalhekk ta' €7,500 (sebat elef u ħames mitt euro);

U peress li insegwitu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell l-attur Pawlu Portelli kien ħallas l-ammont kollu li kien dovut lill-konvenut għax-xogħol li huwa wettaq u għalhekk bħallikieku huwa ma kien ħallas xejn minn dak il-kont;

U peress li għaldaqstant il-konvenut odjern għandu jirrifondi lill-atturi din is-somma li tirriżulta li tħallset indebitament, jew bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet foloz u qarrieqa da parti tal-konvenut fis-sens li huwa ma kien tħallas xejn tax-xogħol li wettaq;

U peress li inoltre, il-konvenut talab u ottjena l-hlas ta' kostruzzjoni ta' tmien pilastri tal-konkos ("8 cement columns") mingħand l-attur Pawlu Portelli - fl-ammont ta' tliet elef disa' mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u tmenin ċentezmu (€3964.89c);

U peress li effettivament l-intimat bena biss sitta (6) minn dawn il-pilastri;

U peress li inoltre għal dawn is-sitt pilastri li nbnew minnu, l-intimat addebita lill-esponenti darbtejn, darba meta hareg kont manwali da parti tiegħu, fejn indika li l-ammont dovut kien ta' €3964.89, u darba oħra meta giegħel lill-*quantity surveyor* Saviour Bonello jinkludi dawn il-pilastri fil-kont maħruġ minn dan tal-aħħar;

U peress li għalhekk l-attur ottjena l-ħlas ta' din is-somma, ossia tliet elef disa' mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€3964.89c) indebitament u b'qerq u ingann;

U peress li l-atturi jridu li dawn l-ammonti mħallsa ndebitament jiġu rifuzi lura lill-atturi;

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex:

1. Ma għandhiex [sic] din il-Qorti tiddikjara li inti ottenejt il-ħlas indebitu, jew bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet qarrieqa, foloz u inveritijieri tiegħek l-ammont ta' sebat elef u ħames mitt euro (€7,500) bħala pagament doppju għal xogħol li inti wettaq, u tliet elef disa' mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u tmenin centeżmu (€3964.89c) għal xogħol li in parti inti fil-verità qatt ma wettaqt u li in parti għalih inti thallast darbtejn kif fuq spjegat;

2. Konsegwentement tikkundannak tirrifondi lill-atturi dawn is-somom ammontanti komplessivament għal ħdax-il elf erba' mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€11,464.89c) u flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-pagament indebitu sad-data ta' rifużjoni effettiva.

Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa msejjaħ.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali Nru. /2018 [sic], kontra tiegħek.

**Rat ir-risposta tal-intimat Carmel Mifsud[3] li permezz tagħha eċċepixxa:**

[3] Risposta a fol 9.

1. ILLI fl-ewwel lok [i]l-konvenut jeċċepixxi r-*res judicata* stante illi hekk kif jingħad mill-attur stess il-fatti tal-kawża huma dawk li ġia ġew trattati saħansitra anke fl-Appell fis-sentenza mogħtija fil-24 ta' Ġunju, 2017 [sic] fl-istess ismijiet;[4]

2. ILLI fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju jirriżulta illi dak li qed jingħad mill-atturi huwa totalment infondat fid-dritt u fil-fatt;

Salvi eċċezzjonijiet ulteruri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-istess rikorrenti.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2018 il-konvenut talab l-allegazzjoni tal-atti tal-kawżi fl-ismijiet *Carmel Mifsud vs Paul Portelli* - avviżi numri 10/2013 AE u 4/2014 AE, it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar it-23 ta' Ġunju, 2017 - bil-Qorti laqgħat din it-talba.[5]

**Rat** l-atti allegati ma' dan il-proċess tal-kawżi numri 10/2013 u 4/2014 bejn l-istess partijiet iżda fl-ismijiet inversi kif ilkoll deċiżi fl-appell nhar it-23 ta' Ġunju, 2017.

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 l-atturi ddikjaraw il-provi dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata* bħala magħluqa bil-kawża tħalliet għan-noti tal-osservazzjonijiet dwar din l-eċċezzjoni u għas-sentenza dwar l-istess.[6]

**Rat** is-sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar l-20 ta' Ġunju, 2019 fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tar-*res judicata* sollevata mill-konvenut bil-kawża tħalliet għal prosegwiment fuq il-mertu.[7]

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2020 l-atturi talbu l-ħatra ta' perit tekniku sabiex jivverifika jekk il-pilastri msemmija f'affidavit rilaxxat mil-konvenut fil-kawża numru 4/2014 AE kif ukoll f'kont u irċevuta

[4] Data erronja – is-sentenza tal-appell inghatat fit-23 ta' Gunju, 2017.
[5] Verbal kontenenti wkoll digriet a fol 11.
[6] Verbal a fol 23.
[7] Kopja tas-sentenza parzjali a fol 40 sa 43.

fiskali esebiti a fol 13, 14, u 21 tal-istess proċess numru 4/2014 AE effettivament sarux.[8]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-12 ta' Marzu, 2020 l-atturi talbu wkoll korrezzjoni fl-avviz promotur tagħhom sabiex kull fejn tirrikorri l-kelma "kolonni" din tiġi sostitwita bil-kelma "pilastri".[9]

**Rat** li b'digriet tal-25 ta' Settembru, 2020 il-Qorti laqgħat it-talba attriċi għal-ħatra ta' perit tekniku u ħatret ghal dan il-ghan lil Jean Paul Cefai.[10]

**Rat** ir-rapport tal-perit tekniku Jean Paul Cefai.[11]

**Rat** in-nota tal-atturi tal-25 ta' Jannar, 2022 li biha rtiraw il-parti tat-talba tagħhom relattiva għan-numru tal-pilastri li dwarhom ħaqqu ħlas il-konvenut filwaqt li żammew impreġudikati r-rimanenti talbiet tagħhom.[12]

**Rat** in-nota tal-konvenut tal-4 ta' Frar, 2022 fejn in vista tan-nota tal-atturi tal-15 ta' Jannar, 2022 protesta ruħu rigward l-ispejjeż relatati mal-parti tat-talba attriċi relattiva għan-numru tal-pilastri, inkluż dawk relattivi għal-perit tekniku.[13]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' April, 2022 l-atturi ddikjaraw l-provi tagħhom magħluqa.[14]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2022 il-konvenut talab sabiex il-provi miġbura fil-kawżi numri 10/2013 AE u 4/2014 AE, l-atti ta' liema ġew allegati ma' ta' din il-kawża, jkunu jgħoddu wkoll għal din l-istanza.[15]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2023 il-partijiet qablu sabiex il-kawża titħalla għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet finali.[16]

---

[8] Verbal a fol 70 u 71.
[9] Verbal a fol 70 u 71.
[10] Digriet kontenut fil-verbal tas-seduta a fol 75.
[11] Rapport f'forma ta' skizz u diversi ritratti a fol 94 sa 102.
[12] Nota a fol 109.
[13] Nota a fol 110.
[14] Verbal a fol 112.
[15] Verbal a fol 115.
[16] Verbal a fol 119.

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet finali tal-partijiet.**[17]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li b'digriet tal-11 ta' Mejju, 2023 il-kawza tħalliet għal-lum għas-sentenza.[18]

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Paul Portelli**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[19] Jiddikjara li l-konvenut fetaħlu kawża għal-ħlas ta' xogħol imwettaq minnu – avviż numru 4/2014 – li ġiet finalment deċiża b'appell.

Jgħid li f'dik il-kawża l-konvenut qal li għamillu xi xogħol ta' liema ma' tħallasx. Iżid li wara li nqatet il-kawża huwa u martu sabu li lill-konvenut kienu tawh diversi ħlasijiet. Jelenka s-segwenti ħlasijiet:

- €5,000 mħallsa b'ċekk numru 232 datat is-7 ta' April, 2010;
- €500 imħallsa b'ċekk numru 441 datat is-26 ta' April, 2012;
- €500 imħallsa in kontanti b'irċevuta maħruġa mill-konvenut fit-30 ta' Mejju, 2012;
- €500 imħallsa b'ċekk numru 475 datat it-12 ta' Settembru, 2012;
- €500 imħallsa b'ċekk numru 528 datat it-8 ta' Frar, 2013;
- €500 imħallsa in kontanti b'irċevuta maħruġa mill-konvenut mingħajr data.

Jgħid li b'kollox skoprew għalhekk li lill-konvenut kienu ħallsuh is-somma ta' €7,500.

Jiddikjara li bis-sentenza tal-appell huwa kien ġie kkundannat iħallas lill-konvenut is-somma ta' €7,364. Iżid li llum jaf li huwa kien diġa ħallas lill-

---

[17] Nota attrici tat-2 ta' Mejju, 2023 – mhux paginata. Nota tal-konvenut tat-12 ta' Gunju, 2023 – mhux paginata.
[18] Digriet mhux paginat.
[19] Affidavit a fol 13 – inkluz in verso pagina, b'dokumenti mehmuza a fol 14 sa 22.

konvenut qabel ingħatat id-deċiżjoni tal-appell b'dan li allura l-konvenut tħallas darbtejn billi għarraq bl-ewwel Qorti meta qal li ma' tħallasx.

Jgħid ukoll li huwa kien talab lill-konvenut jibnilu 6 pilastri bil-konvenut ħareġ kont għal-tmienja (8). Jgħid li anke għal dawn lill-konvenut ħallsu darbtejn stante li kien ħallsu €3,964.89 b'ċekk[20] b'wara l-konvenut reġa nkluda x-xogħol tal-bini tal-pilastri f'kont maħruġ mill-*quantity surveyor* Saviour Bonello.

Jiddikjara li huwa beda din il-kawża sabiex jingħata lura l-flus li ħallas lill-konvenut darbtejn u dan fil-valur ta' €11,464.89.

Jgħid li din il-kawża u dik preċedenti li rrefera għalija l-konvenut m'humiex l-istess stante li f'dik imsemmija mil-konvenut l-istess konvenut talab hlas għal xogħol mwettaq minnu mentri hawn huwa qed jitlob lill-Qorti teddeċiedi jekk il-ħlasijiet li jelenka bħala li saru qabel il-kawza 4/2014 u li m'humiex ikkunsidrati fil-mertu tal-istess sarux, jekk il-ħlasijiet mitluba bis-sentenza 4/2014 sarux, u allura jekk dawk il-pagamenti kienux fuq l-istess oġġett b'dan li saru doppjament u indebitament.

Jannetti kopji ta' diversi ċekkijiet u irċevuti li jirreferu għal-ħlasijiet elenkati minnu.[21]

**Georgina Gauci**, in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, xehdet[22] li ċ-ċekkijiet numri 232, 441, 475, 528, u 1705 ilkoll issarrfu.[23] Tgħid li l-valuri ndikati fl-istess ċekkijiet daħlu f'kont intestat lil Carmel Mifsud u s-sinjura Mifsud Attard.

Tezebixxi kopja taċ-ċekkijiet kollha u dokumenti relattivi għat-tisrif tagħhom.[24]

---

[20] Jannetti kopja tieghu a fol 21.

[21] Kopji a fol 14 sa 22.

[22] Traskrizzjoni a fol 52 u 53.

[23] L-ewwel erbgha, ossia dawk numri 232, 441, 475, u 528 huma msemmija fl-affidavit u l-avviz ta' l-atturi. L-ahhar wiehed numru 1705 huwa dak a fol 22, ukoll mehmuz mal-affidavit ta' l-attur, li jidher li thallas wara l-kawza numru 4/2014 AE bhala hlas tas-sorte bl-imghax flimkien ma' somma ohra.

[24] Kopja tac-cekkijiet u dokumenti li juru li ssarfu a fol 54 sa 69.

**Jean Paul Cefai**, *surveyor* u perit tekniku, xehed[25] li fir-rapport mħejji minnu huwa indika tmien pilastri mmarkati bin-numri minn 1 sa 8.

Jgħid li l-pilastri mmarkati bin-numri 4 u 8 kienu hemm qabel b'imbagħad żdied l-għoli tagħhom. Jaqra minn fuq l-iskizz imħejji minnu fejn qal *"from previous column the contractor built 0.65cm height more"*.

Jgħid li huwa ma' jafx minn żied il-65 ċentimetru għax huwa qatt ma' kien fuq is-sit.

**Carmel Mifsud**, il-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[26] Jiddikjara li huwa jaħdem fil-kostruzzjoni. Iżid li kwistjonijiet ma' l-attur Paul Portelli diġa kellu dawk suġġetti għall-kawżi numri 10/2013 u 4/2014 deċiżi mill-Qorti tal-Appell.

Jgħid li l-kawża preżenti hija biss frott ta' konfuzjoni tal-attur Paul Portelli.

Jgħid li kif anke jirriżulta mil-kawża numru 10/2013, huwa kien biegħ biċċa art lil Paul Portelli b'kuntratt tal-11 ta' Awwissu, 2010 in atti Nutar Christian Zammit. Jgħid li kopja ta' dan il-kuntratt tinsab a fol 46 tal-proċess 10/2013. Jgħid li fl-istess sena l-attur Paul Portelli kien ħallsu €5,000 li kellu x'jaqsam man-negozju tal-bejgħ tal-art u mhux max-xogħol tal-kostruzzjoni li għamel huwa lill-atturi fuq il-*farm*.

Jgħid li x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni saru ferm aktar tard lejn l-aħħar tal-2011 kif jirriżulta mil-proċess 4/2014. Iżid li mil-kontijiet eżebiti fil-proċess 4/2014 a fol 11 sa 21 il-kont dwar il-kolonni saħansitra nħareġ fit-8 ta' Awwissu, 2011. Jgħid li ta' dan inħareġ kont, l-attur ħallsu, u nħarġet irċevuta fiskali.

Jiddikjara li x-xogħol fuq ġibjun u kanal li tagħhom l-attur ma' ridtx iħallsu u li kienu mertu tal-kawża 4/2014 saru fl-aħħar tal-2011 bil-kont relattiv għalihom inħareġ fil-15 ta' Novembru, 2011. Jgħid li għal dawn ix-xogħolijiet huwa tħallas biss wara l-kawża li ġiet deċiża fl-appell.

[25] Traskrizzjoni a fol 103 sa 107.
[26] Affidavit a fol 113 u 114.

Dwar id-diversi ħlasijiet ta' €500 li ċekkijiet dwarhom ġew eżebiti mill-atturi, jgħid li anqas dawn ma' kellhom x'jaqsmu max-xogħol ta' kostruzzjoni magħmul minnu. Jgħid li mix-xhieda ta' martu Rita Portelli – a fol 36 tal-proċess 10/2013 – jirriżulta li dawn saru b'konsegwenza ta' skrittura privata li saret quddiem l-illum Maġistrat Monica Vella – kopja ta' liema tinsab a fol 15 tal-istess proċess.

Iżid li martu ħarġet irċevuta għal kull pagament parzjali ta' €500 li rċievew abbażi tal-istess skrittura privata.

Jiddikjara għalhekk li mhux talli l-atturi ma' ħallsux żejjed iżda talli kien jonqsu jiġbor ħlasijiet addizzjonali ai termini ta' l-iskritutra privata li iżda ma' ġabarx għax ġie mċaħħad minnhom.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi dikjarat li huwa ottjena ħlas indebitu, jew bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet qarrieqa, foloz, u nveritjeri tiegħu, fl-ammont ta' €7,500 bħala pagament doppju għal xogħol li huwa wettaq u €3,964.89 għal xogħol li in parte fil-verita' qatt ma' wettaq u li in parte tħallas għalih darbtejn.

Konsegwentement, talbu kundanna għar-rifużjoni lilhom mill-konvenut tal-valur kumplessiv ta' €11,464.89, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-pagament indebitu sad-data tar-rifużjoni effettiva.

Da parti tiegħu, il-konvenut laqa' għal dan billi eċċepixxa r-*res judicata* kif ukoll li t-talbiet atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

L-eċċezzjoni tar-*res judicata* ġiet trattata u deċiża b'mod preliminari b'dan li, bis-sentenza parzjali ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta

mogħtija nhar l-20 ta' Ġunju, 2019 l-istess eċċezzjoni ġiet miċħuda bl-ispejjeż relattivi għas-sentenza parzjali baqgħu riservati għal-ġudizzju finali.

Rigward il-valur attribwit lill-pilastri u jekk il-konvenut kienx fil-fatt bena 8 jew 6, fil-25 ta' Jannar, 2022 l-atturi ppreżentaw nota li biha rtiraw il-parti tat-talba tagħhom relattiva għan-numru tal-pilastri li dwarhom ħaqqu ħlas il-konvenut filwaqt li żammew impreġudikati r-rimanenti talbiet tagħhom.[27]

Jibqa' għalhekk sabiex din il-Qorti tiddeċieda l-vertenza fil-mertu billi tiddeċiedi:

a) jekk huwiex tassew kif qiegħdin jgħidu l-atturi – li l-konvenut tħallas €7,500 indebitament, darba qabel il-kawżi numri 10/2013 AE u 4/2014 AE, it-tnejn deċiżi mil-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-23 ta' Ġunju, 2017 – u darba wara, b'riżultat, effett, u infurzar tal-istess deċiżjonijiet imsemmija;

b) jekk huwiex tassew minnu li l-konvenut tħallas għal-pilastri li bena darbtejn, irrispettivament min kemm pilastri bena, jew;

c) jekk huwiex kif jgħid il-konvenut li kwalunkwe' pagament li sar mill-atturi u li qed jissemma f'din l-istanza bħala pagament li kien sar favur is-sorte eventwalment dikjarata dovuta lilu mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni numru 4/2014 AE, ma' kellu fil-fatt xejn x'jaqsam ma' l-istess sorte iżda sar b'referenza għal-negozji oħra pendenti bejn il-partijiet u ndipendenti mix-xogħol ta' kostruzzjoni li l-konvenut għamel fuq talba ta' u fl-interess tal-atturi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jirriżulta opportun li qabel tgħaddi għall-osservazzjonijiet u l-eventwali deċiżjoni tagħha, din il-Qorti tagħti riassunt tal-mertu li wassal għal din il-vertenza.

---

27 Nota a fol 109.

Jirriżulta ċar, kemm mill-atti ta' din il-vertenza kif ukoll minn dawk relattivi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell numri 10/2013 AE u 4/2014 AE, ilkoll allegati ma' l-atti ta' din il-vertenza, li l-partijiet preżenti kellhom diversi negozji u kwistjonijiet bejniethom.

Huwa ċar li qabel l-atturi qabdu lill-konvenut jibnilhom *farm* tal-baqar, huma kienu diġa għamlu żewġ negozji oħra miegħu billi:

i. akkwistaw porzjon raba' mhux fabbrikabbli magħrufa bħala "Ta' Venuta" sive "Tal-Qortin tar-Ramla" tal-kejl ta' ċirka 384 m.k. u li tinsab fil-limiti tan-Nadur, Għawdex,[28] u;

ii. daħlu fi ftehim privat permezz ta' skrittura privata tal-11 ta' Awwissu, 2010 li biha kkostitwew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tal-konvenut fil-valur ta' €9,000.[29]

Li dawn iż-żewġ negozji seħħew qabel ma' l-atturi ngaġġjaw lill-konvenut sabiex irendilhom servizzi ta' kostruzzjoni huwa fatt li jirriżulta mid-dati relattivi. B'dan li ż-żewġ negozji hawn aktar 'il fuq imsemmija lkoll jirriżultaw minn skritturi miktuba, it-tnejn datati l-11 ta' Awwissu, 2010, mentri x-xogħol ta' kostruzzjoni mitlub mill-atturi u eżegwiet mil-konvenut jirriżulta li seħħ aktar tard, lejn l-aħar tal-2011, u dan skond il-fatturi u rċevuti lkoll datati 2011 riżultanti a fol 13 sa 21 tal-proċess numru 4/2014 AE.

B'dan li, aktar milli liema negozju seħħ qabel liema, l-kwistjoni vera bejn il-partijiet tittratta jekk il-ħlasijiet li saru mill-atturi lill-konvenut u li f'din il-vertenza l-atturi jipprovaw jallokaw kontra l-valur tax-xogħol ta' kostruzzjoni ntrapriż fuq rikjesta tagħhom mill-konvenut u dikjarat dovut lilhom bis-sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Appell numru 4/2014 AE, kienux tassew ħlas favur l-istess sorte li ġie allura għal darb' oħra mħallas minnhom meta obdew l-ordni fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell msemmija jew jekk kienux fil-fatt ħlasijiet kompletament indipendenti minn dak is-sorte b'dan li allura ma' jissussistiex il-ħlas indebitu reklamat mill-atturi f'din l-istanza.

Jibda sabiex jingħad li l-ħlasijiet kollha magħmulha mill-atturi favur il-konvenut u li f'din l-istanza l-atturi jittentaw jallokaw favur xogħol ta'

[28] Ref. kuntratt ta' kompravendita' tal-11 ta' Awwissu, 2010 a fol 46 sa 49 tal-process numru 10/2013 AE.
[29] Ref. ftehim privat tal-11 ta' Awwissu, 2010 a fol 15 tal-process numru 10/2013 AE.

kostruzzjoni magħmul lilhom mill-konvenut m'humiex ikkontestati mill-konvenut. Dak li jikkontendi l-konvenut huwa li, għalkemm tali ħlasijiet saru mill-atturi lilu, dawn saru in eżekuzzjoni ta' obbligi oħra – iż-żewġ negozju hawn aktar 'il fuq imsemmija – li kellhom l-atturi fil-konfront tiegħu u mhux favur x-xogħol ta' kostruzzjoni għal liema tħallas mill-atturi biss wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell numru 4/2014 AE.

Mill-provi in atti, kemm ta' din l-istanza kif ukoll ta' dawk numri 10/2013 AE u 4/2014 AE, jirriżulta ċar li l-pagamenti li l-atturi qiegħdin hawn jgħidu li skoprew li għamlu lill-konvenut wara li ngħataw id-deċiżjonijiet numri 10/2013 AE u 4/2014 AE kienu fil-fatt saru fir-rigward ta' negozji ndipendenti mix-xogħol ta' kostruzzjoni magħmul lill-atturi mil-konvenut.

Dan jirriżulta ċar mid-dokumenti ossia skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu u kuntratt ta' kompravendita', it-tnejn datati l-11 ta' Awwissu, 2010,[30] il-pagamenti li b'din il-kawża l-atturi jittentaw jallokaw lix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-konvenut, u; d-dati tal-fatturi relattivi għax-xogħol ta' kostruzzjoni eżegwit mill-konvenut fuq talba u a benefiċċju ta' l-atturi.[31]

Infatti, filwaqt li l-fatturi relattivi għax-xogħol ta' kostruzzjoni ntrapriż mill-konvenut a beneficcju tal-atturi huma lkoll datati bejn Awwissu, 2011 u Novembru 2011, l-ewwel pagament li b'din il-vertenza l-atturi jittentaw jallokaw favur l-istess xogħol ta' kostruzzjoni, dak ta' €5,000, kien fil-fatt maghmul fis-7 ta' April, 2010.[32] B'dan li allura tali pagament ċertament ma' jistax jingħad li sar rigward xogħol li kien għadu mhux fatturat, inkluż frott ta' mankanza ta' xi provi li sar bil-quddiem u/jew akkont tal-istess xogħol – kwistjoni li ċertament kienet anke tqum fix-xhieda ta' l-atturi f'din l-istanza jekk mhux addirittura fl-istadju tal-proċedimenti li preċedew lil dawn kurrenti.

Oltre dan, għalkemm il-kumplament tal-pagamenti, ilkoll ta' €500-il wieħed, li l-atturi b'din l-istanza wkoll jipprovaw jallokaw favur ix-

[30] Rispettivament a fol 15 u a fol 46 sa 49 tal-process numru 10/2013 AE.
[31] Fatturi u ircevuti a fol 13 sa 21 tal-process numru 4/2014 AE.
[32] Ref avviz promotur tal-atturi, xhieda tal-attur bl-affidavit tieghu a fol 13 et seq ta' dan il-process, kopja tac-cekk anness mall-istess affidavit ta' l-attur a fol 14 ta' dan il-process, xhieda tar-rapprezentanta tal-*bank of Valletta p.l.c.* a fol 52 et seq tal-process u kopja tac-cekk ghal-€5,000 prezentat mill-istess xhud a fol 54 ta' dan il-process.

xoghol ta' kostruzzjoni magħmul mill-konvenut, huma lkoll datati mill-2012-il quddiem, u allura wara l-fatturi relattivi għax-xogħol ta' kostruzzjoni magħmul mill-konvenut lill-atturi; il-konvenut iressaq spjegazzjoni kredibbli rigward l-indipendenza ta' dawn il-pagamenti mill-kwistjoni tal-kostruzzjoni u l-pagamenti relattivi għall-istess li saru wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell relattiva.

Il-konvenut jgħid fil-fatt li dawn il-pagamenti ta' €500-il wieħed kienu pagamenti favur u riżultanti mill-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu li saret fil-11 ta' Awwissu, 2010. Jagħmel ukoll referenza għax-xhieda mogħtija minn martu a fol 36 tal-proċess numru 10/2013 AE fejn tagħti spjegazzjoni ċara dwar dan.

L-atturi la jinnegaw u anqas jikkontradiċu din l-asserzjoni tal-konvenut li ghal din il-Qorti tirriżulta kredibbli, anke tenut kont tal-fatt li d-diversi pagamenti ta' €500-il wieħed issemmew speċifikatament fix-xhieda mogħtija minn mart il-konvenut fil-proċeduri numru 10/2013 AE bħala pagamenti relattivi għal u frott tal-kostituzzjoni ta' debitu tal-11 ta' Awwissu, 2010 bl-atturi kellhom kull opportunita' jinnegaw dan anke f'dak l-istadju iżda dan ma' seħħx.

B'dan li allura jirriżulta verosimili u din il-Qorti hija ċertament konvinta li tali pagamenti ta' €500-il wieħed ilkoll kienu frott u riżultat tal-kostituzjzoni ta' debitu msemmija u mhux tax-xogħol ta' kostruzzjoni li l-konvenut għamel favur l-atturi.

Li jfisser dan huwa li la' l-pagament ta' €5,000 u anqas dawk ta' €500-il wieħed ma' saru favur xogħol ta' kostruzzjoni li mbagħad reġgħa sar ħlas għalih b'riżultat ta' ubbidjenza mill-atturi għal ordni mogħti fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell numru 4/2014 AE li preċedit lil din il-vertenza iżda ġiet mogħtija wara li saru tali pagamenti li hawn issa l-atturi jittentaw jallokaw lix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-konvenut.

Dwar imbagħad jekk huwiex tassew minnu li l-konvenut tħallas għal-pilastri li bena darbtejn, irrispettivament minn kemm pilastri bena – stante l-irtirar ta' dik il-parti tat-talba attriċi li tittratta n-numru ta' pilastri effettivament mibnija; din il-Qorti tqies li ma' nġiebu ebda provi li l-atturi ħallsu lill-konvenut darbtejn għal-pilastri in mertu.

Dak li juru l-provi huwa li kwalunkwe' hlas li l-atturi b'din il-vertenza ittentaw jikkontendu li sar favur xogħol tal-konvenut li mbagħad reġgħa tħallas għalih għal darb'oħra ma' kienux jittrattaw ebda xogħol tal-konvenut iżda kienu saru fir-rigward ta' negozju ta' bejgħ ta' art mill-konvenut lill-atturi u ta' ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu li jidher mix-xhieda ta' mart il-konvenut a fol 35 et seq fl-atti tal-proċess numru 10/2013 AE li kien fil-fatt sar stante ftehim dwar art tal-konvenut li l-atturi kellhom bżonn sabiex jottjenu xi finanzi provduti taħt skema tal-Unjoni Ewropea.

B'dan illi ma' jirriżultax anqas li sar xi ħlas doppju dwar il-pilastri mibnija mill-konvenut lill-atturi.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet atturi in toto.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-atturi mentri dawk tad-deċiżjoni preliminari numru 5/2018 PC mogħtija fl-20 ta' Ġunju, 2019 a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur